# *Kapitlu 1*

## It-Twaqqif
## taċ-*Circolo San Gabriele*

Fl-epoka tal-1920, il-popolazzjoni f'Casal Balzan[1] insibu li kienet tlaħħaq 1,228 li minnhom 512 kienu rġiel u 716 nisa. Fil-qasam tas-saħħa, Casal Balzan kellu wkoll il-Berġa tiegħu li kienet tiġbor ir-raħal ta' Ħal Lija u ta' Ħ'Attard ukoll. It-Tabib tad-Distrett kien Dott. Tancred Castillo.[2]

Is-Sorijiet Franġiskani Missjunarji ta' Marija kienu waslu f'Casal Balzan fis-sena 1920. Billi kellhom għal qalbhom it-tagħlim, fetħu skola bl-isem *Stella Maris School* li għadha tagħti sehemha fl-edukazzjoni ta' pajjizna sal-lum.[3] Skola privata oħra kienet dik *Elementary* għall-bniet biss li kienu jattendu madwar 60 tifla. Din kienet tinsab fil-Kunvent tal-Buon Pastur fi Triq Idmejda u bħala Sinjora kellha lil Sr. Marija Dolores Bonavia. L-Iskola Primarja tal-Bniet f'Casal Balzan fis-sena 1920 kienet dik fejn illum hemm il-bini tal-Kunsill Lokali, magħruf bħala Palazzo Testaferrata fil-bidu ta' Triq il-Kbira, il-parti ta' fuq. L-Iskola Primarja tas-Subien kienet tintuża dik id-dar il-kbira qrib il-Ġnien ta' San Anton li llum iġġib l-isem ta' *Dar is-Serħ*. F'Casal Balzan konna nsibu wkoll skola ta' bil-lejl.[4]

F'Casal Balzan kont issib ukoll Fergħa tal-Posta fis-sena 1920 però din għalqet fis-sena 1921. L-Għassa tal-Pulizija kienet f'salib it-toroq bejn Triq il-Kbira u Triq San Anton, Casal Balzan, u Triq Annibale Preca u Triq il-Kbira, Casal Lija. Din l-Għassa kienet isservi kemm għan-nies ta' Casal Balzan u ta' Casal Lija.

---

1 Hekk jidher isem Ħal Balzan fil-Minuti tal-ewwel snin.

2 Guido Borg B.A. - "Ħal Balzan fl-1920." *Ktieb tal-Festa 1994 - Każin tal-Banda San Gabriel – Ħal Balzan.*

3 Dun Ġwann Dimech. *Ħal Balzan Ġrajjietu sal-1999* - Edukazzjoni f'Ħal Balzan pġ 342.

4 Guido Borg B.A. - "Ħal Balzan fl-1920." *Ktieb tal-Festa 1994 - Każin tal-Banda San Gabriel – Ħal Balzan.*

Fil-qasam agrikolu, Casal Balzan kien fl-aqwa tiegħu. ’Il bogħod mill-iżvilupp, Ħal Balzan kien jgħodd sew il-motto tiegħu *‘Hortibus Undique Septa’* – ‘Imdawwar bil-ġonna minn kullimkien.’ Il-ġonna tal-larinġ u l-arja friska kienet tagħmel il-qasam agrikolu mfittex.[5]

Il-Gvernatur ta’ Malta fis-sena 1920 kien Lord Plumer. Malta kienet taħtu bejn l-1919 u l-1924. L-Isqof kien Mons. Dom. Mauro Caruana OSB. Ittra interessanti li sibt kienet intbagħtet f’Novembru 1924 lil dan l-Isqof mis-Segretarju Carmelo Buhagiar biex jingħata permess ħalli ċ-*Circolo San Gabriele* jkun jista’ jagħmel lotteriji *‘che per detta festa occorrono grandi spese.’* Fil-11 ta’ Diċembru 1924, l-Isqof Caruana jibgħat lura *‘non trovo nessuna oggezzione riguardo la grazia domandata.’*



A Sua Eccellenza Reverendissima
Mons Dom Mauro Caruana O.S.B.
Arcivescovo Vescovo di Malta

Umile ricorso di
Carmelo Buhagiar quale Segretario
del comitato della Festa SSma Annunziata

Umilmente espone
Che già s'avvicina la festa
titolare di C. Balzan SSma Annunziata.
Che per detta festa occorrono grandi
spese.
L'esponente pertanto prega umilmente
Sua l'Eccellenza Reverendissima a
voler degnarsi di autorizzare [illegible] delle
lotterie [illegible] le quali dovranno
aver luogo nel suddetto Circolo San
Gabriele di Casal Balzan

E della Grazia etc
C. Buhagiar
Segretario

Non trovo nessuna oggezzione riguardo
la grazia domandata
11 Dicembre 1924
[illegible]

*L-ittra li nbagħtet lill-Isqof Mons. Dom. Mauro Caruana.*

## L-iskop ewlieni….

L-iskop ewlieni mill-bidu sa mit-twaqqif kien li din is-Soċjetà tgħin fil-festi esterni tal-Lunzjata, Patruna ta’ Ħal Balzan. Disgħin sena wara baqa’ bl-istess skop. Dan kollu jagħmilna kburin. Però l-iskop ewlieni kiber mal-milja taż-żminijiet…u barra l-armar, żdiedet il-mużika, għajnuna fil-Knisja (kemm barra u kemm ġewwa) u dak kollu li jorbot miegħu r-raħal li fih għamilna l-ewwel passi…Ħal Balzan. Għalhekk aħna rridu nkomplu nixprunaw it-tradizzjonijiet ta’ qabilna ħalli nħallu din is-Soċjetà li tant inħobbu fil-quċċata.

## Il-bidu…

Imma x’kien il-veru punt tat-tluq li ġiegħel li tinfetaħ Soċjetà ġdida? F’moħħna jrid ikollna s-sitwazzjoni ta’ pajjiżna. Ma ninsewx li għaxar xhur qabel kienet

[5] Guido Borg B.A. - “Ħal Balzan fl-1920.” *Ktieb tal-Festa 1994 - Każin tal-Banda San Gabriel – Ħal Balzan.*



Circolo San Gabriel
H Balzan

~ Regulamenti ~
Statut I
Liscop tac-Circolu ——

Art: I Liscop ta ḋana ic-Circolu, mhiex haġa oħra ħlief biex icompli jgħin lil festa titular ta ḋan irraħal, li hia L'Annunziazioni ta Maria Vergini "Lunziata" fejn icun hemm bżon, pero milli icun jista second icircustanzi

Statut II
Ikun u għeluk tac-Circolu ——

Art I Ic-Circolu hua suppost li icun miftuħ fil granet tax-xgħol mill' Ave Maria s'al ħdax ta billeil, fil Ħdud ul festi cmandati mit-tminja s'al ħdax ta billeil

Art II Fic-Circolu ma jistgħux jidħlu nies li ma icunux soċji, pero' cul socju jista jistieden ħbieb fic-Circolu basta mhux millistess raħal

Art III Fil lejlet sa nhar il festa tal Lunziata, San Valentino il Milied u it-Tre-Re, fic-circolu jista jidħol cullħadd

Statut III
Ammissioni tas-Soċi ——

Art I F'ḋan ic-Circolu jistgħu jassociaw, tant min Ħal Balzan cħem ucoll min Birkirkara u (?) oħra, pero billi isir boċċlu bein il cumitat direttiv.

Art II Biex wieħed icun socju irid ossia jamel domanda lil xi membru tal cumitat tant bil miktub u cħem verbal

Art III Icc dac li jistgħu jidħol socju, u icun ta età anqas min 18 il sena, mhux pero anqas min 16 irid icollu il cunsens tal genituri jew ta min icun hiedh jitħu cura tiegħu

Art IV. L'abbonament tas-soċju hua ta 1/4 fix-xahar, pero jista isir ucoll ħlas bil gimgħa u l'entratura hia 1/-.

*L-ewwel Statut miktub –Regulamenti- Liscop tac-Circolo. (Kif tinstab miktuba)*

faqqgħet ir-rewwixta tal-Maltin mill-impożizzjoni tal-barrani f'dan il-każ fil-konfront tal-Gvern Kolonjali Ingliż, f'dik li hi magħrufa bħala s-*Sette Guigno*. Jingħad li bħal kull ħag'oħra, il-poplu kellu fehmiet differenti f'kull ħaġa, ibda fuq kwistjonijiet lokali kif ukoll fuq dawk nazzjonali. Jekk niġi għall-kwistjonijiet lokali, jingħad li hawn f'Casal Balzan inħolqet kwistjoni dwar il-qniepen. Fil-bidu tas-sena 1920, il-Kappillan ta' dak iż-żmien Dun Amabile Sisner kien ħabbar li ser jibda jiġbor il-flus ħalli l-Parroċċa tkun tista' tixtri sett qniepen ġodda[6]. Jidher għalhekk li l-unika Soċjetà li kienet teżisti f'dik l-epoka, iċ-*Circolo Maria Annunziata*[7] ddeċieda li ma torganizzax il-festi esterni tal-Lunzjata bħas-snin ta' qabel ħalli jagħti ċans lill-Kappillan jiġbor il-fondi meħtieġa għal opra hekk kbira.

Hemm min jgħid li żgħażagħ Balzanin ipprotestaw kontra dan u ddeċidew li

[6] Fis-sena 1919 kien inħatar kumitat għall-qniepen ġodda. Bażikament kien iffurmat mill-istess Kumitat taċ-*Circolo Maria Annunziata*, l-unika Soċjetà fir-raħal sal-1919. Il-Kumitat kien iffurmat hekk: President - Ġuzeppi Vassallo Ta' Mudest, Segretarju – In-Nutar Luiġi Gauci Forno, Kaxxier - Luiġi Briffa Il-Pepes, Viċi-Kaxxier - Salvatore Pisani Tat-Tanti filwaqt li bħala membri nsibu lil Salvatore Debono Ta' Peppina, Fredu Camilleri Ta' Dorina, Carmelo Muscat Ta' Vokali, Mikiel Micallef Tal-Fanfra, Carmelo Pisani, Ċensu Brincat Ta' Balal, Ġużeppi Sammut (missier il-Kanonku Dun Spir) u Franġisku Sammut Ta' Rozi. Irridu ngħidu li dawn il-membri kellhom kuraġġ kbir għad-diffikultajiet kbar li kienu ser isibu biex jiġbru l-fondi. Dawn bdew jiġbru flus u damu 6 snin sabiex waslu biex jixtru sett qniepen ġodda tad-Ditta Franċiża Paccard. Ma kinitx triq faċli sabiex jinġabru l-fondi meħtieġa, ma ninsewx il-qagħda ta' pajjiżna fis-snin 20. Dan kollu jistqarru Valentino Muscat magħruf bħala s-Surmast u Kaxxier għal żmien twil fil-Każin tal-Banda San Gabriel li fil-gazzetta *Ħal Balzan* jgħid ukoll li *'kienet triq iebsa u dan juri kemm l-antenati tagħna ħabbew lil Ħal Balzan'*. Jingħad ukoll li dan il-Kumitat wera x-xewqa mal-Kappillan li l-festa tinżamm għal sentejn. Intant kien laħaq miet il-Kappillan Sisner fl-1923 u leħaq bħala Kappillan FX Zahra.

[7] Iċ-*Circolo Maria Annunziata* kien twaqqaf fis-sena 1890 bl-għan li jieħu ħsieb l-armar ta' barra tal-festa tal-Lunzjata. Insibu li lokalitajiet oħra bdew jifthu diversi għaqdiet soċjali kif ukoll mużikali bl-għan li jissaħħu l-festi titulari kif ukoll sekondarji (tal-Fratellanzi). Nafu wkoll li f'Ħal Balzan il-festi ta' ġewwa ad unur l-Annunzjata bdew jieħdu xejr'oħra tant li fis-sena 1868 saret l-istatwa artistika tal-Lunzjata minn idejn Salvatore Dimech 'is-Sartx' filwaqt għall-festa tas-sena 1875 fil-Knisja Parrokkjali kienet iżżanżnet l-Antifona *Spiritus Sanctus* ta' Dott. Mro Paolo Nani. (Dan insibuh f'dak li ħalla s-Sur Pawlu Grima, President għal 39 sena fis-Soċjetà Marija Annunzjata li fi żmienu twaqqfet il-Banda Marija Annunzjata fis-sena 1993.)
L-ewwel President taċ-*Circolo Maria Annunziata* kien Valentino Falzon magħruf bħala 'Iċ-Ċej'. Dan dam mit-twaqqif tac-*Circolo* sal-1897 sakemm mis-sena 1898 insibu lil Mastru Piju Ebejer jokkupa l-kariga ta' President. Mastru Pij dam jokkupa din il-kariga sas-sena 1903. Aktar 'il quddiem naraw lil Valentino Falzon attiv fiċ-*Circolo San Gabriele* u jiddisinja l-pedestall ta' Ġuditta li kienet saret fis-sena 1926 filwaqt lil Mastru Piju Ebejer narawh iħabrek sabiex issir il-festa tal-Lunzjata tas-sena 1920 meta qamet il-kwistjoni tal-qniepen. Dan narawh aktar 'il quddiem f'din il-kitba.

huma stess jorganizzaw il-festi esterni f'ġieh il-Lunzjata. Jissemmew ismijiet ta' Balzanin, fosthom il-kuntrattur magħruf Balzani Mastru Piju Ebejer (1874-1931)[8] li ħeġġeġ lil dawn iż-żgħażagħ Balzanin sabiex jieħdu dan il-pass. Jingħad li hu kien ta £2 lil Giuseppe Muscat Ebejer u lil Manwel Mifsud *Ir-Ruħħala* (f'Ħal Balzan issib il-laqam bħala Tan-Nuħħala) u talabhom jiġbru £2 oħra sabiex imorru Birkirkara għand Ġanni l-*Imgħajjen* biex jikru trofej u bnadar ħalli xorta jarmaw għall-festa tal-Lunzjata.[9] Jingħad li dawn iż-żgħażagħ Balzanin kellhom dispjaċir fihom infushom għall-fatt li l-festa tal-Lunzjata kienet taħbat dejjem fiż-żmien ir-Randan (25 ta' Marzu). Jidher li kien hemm diversi reazzjonijiet dwar id-data tal-festa. Għalhekk qatt ma setgħu jistabbilixxu data li tibqa' ssir il-festa. Meta allura dehret li l-festa ħa tibda ssir Ħadd fuq l-Għid, inqalgħet din il-kwistjoni tal-qniepen.



***L-Imgħallem Balzani Mastru Piju Ebejer.***
***(Ritratt bil-kortesija ta' Myriam Cassar)***

F'dik is-sena, il-festa titulari tal-Lunzjata kienet saret nhar il-Ħadd 11 t'April 1920, Ħadd fuq l-Għid il-Kbir (L-Għid il-Kbir kien ġie ċċelebrat fl-4 ta' April 1920)[10]. Kien it-Tnejn ta' wara, jiġifieri d-19 t'April 1920 li nsibu l-eqdem irċevuta fl-arkivju tal-Każin bl-ittri C.S.G. li juri l-ħlas tal-kiri tas-Sede l-ġdida għaċ-*Circolo San Gabriele* li kien għadu kif infetaħ. Dan juri li dawn iż-żgħażagħ ma kellhom l-ebda kompromess fir-raħal ma' ħadd, dan juri li dawn iż-żgħażagħ kellhom għal qalbhom il-festa titulari tal-Lunzjata u kienu lesti jagħmlu minn kollox basta ma jitnaqqsilhom xejn minn dak li kienu jħobbu…il-festa tal-Lunzjata. Nimmaġina

8 Mastru Pij, kif kien magħruf fost il-Balzanin, kien kuntrattur magħruf f'dawk iż-żminijiet u bena diversi postijiet fosthom il-Kunvent tal-Buon Pastur f'Ħal Balzan fis-sena 1899, il-Villa tal-Imħallef Refalo (illum il-parti l-antika tal-Lukanda Corinthia) fost ħafna bini militari ieħor. Hu kien twieled il-Belt Valletta u mgħammed fil-Parroċċa ta' San Duminku. Però wara t-twelid, missieru Mastru Ġann u ommu Carmela ġew joqogħdu Ħal Balzan. Imbagħad iżżewweg lil Carmela (ritratt f'paġna xiii), Taljana minn Reggio Calabria u kellhom 12-il wild…wieħed minnhom kien Luigi Ebejer BEM li serva għal diversi snin bħala Segretarju ta' din is-Soċjetà.

9 Minn fomm Gabriel Caruana.

10 Din is-sena jaħbat l-istess kalendarju jiġifieri l-Għid sar il-Ħadd 4 t'April 2010.

li saru diversi laqgħat mal-Kappillan Sisner[11], kemm qabel il-festa li kienet saret il-Ħadd 11 t'April 1920 kif ukoll fil-ġimgħa ta' wara. Permezz ta' dik l-irċevuta, toħroġ il-konklużjoni li d-data uffiċjali tal-ftuħ ta' din is-Soċjetà l-ġdida għandha tkun id-19 t'April 1920.[12]



A' dì 20 Aprile 1920
Ricevo da' Sigri Giuseppe Muscat, Giuseppe Falzon e Salvatore Attard quali Deputati Rappresentanti i Socii del Circolo "S. Gabriele" di Casal Balzan lire sterline due per un semestre di fitto anticipato del luogo di casa sito in detta Strada Str. Sta Maria No 5 appartenente alla S. Compagnia di [illegible], commenciando da [illegible] il dì 19 Ottobre p.v.
Lire Ls 2.0.0.6.
Ponz. Amb. Sisner
PAID



A' dì 17 Ottobre 1920.
Ricevo da Salvatore Attard, Giuseppe Muscat e Giuseppe Falzon, quali deputati del Circolo "S. Gabriele" di C. Balzan lire sterline due per un semestre di fitto in anticipato del luogo di casa sito in detta Casale Str. Sta Maria No 4, da comminciare il dì 20 Ottobre cor. e scadere il dì 19 Aprile 1921.
Ricevute Ls 2.0.0.6
Ponz. Amb. Sisner
PAID

***L-aktar dokumenti antiki li tippossjedi din is-Soċjetà.***

## Is-sitwazzjoni tal-pajjiż f'dik l-epoka

Madanakollu, wieħed ma jistax jeskludi s-sitwazzjoni politika ta' dak iż-żmien li setgħet b'mod jew ieħor inkoraġġiet liż-żgħażagħ biex jiftħu soċjetà ġdida. Wieħed ta' min igħid li ċ-*Circolo Maria Annunziata* kien aktar miġbud lejn il-Partit Nazzjonalista mmexxi minn Nerik Mizzi (1885-1950), mentri n-nies li kienu ġejjin min-naħa ta' fuq ta' Ħal Balzan kienu l-biċċa l-kbira miġbudin lejn il-Partit Kostituzzjonali mmexxi minn Sir Gerald Strickland (1861-1940). Allura jista' jkun li din il-qasma setgħet affettwat l-andament biex tinfetaħ Soċjetà ġdida hawn f'Ħal Balzan.[13]

---

[11] Il-Kappillan Amabile Sisner twieled f'Bormla fit-13 t'Awwissu 1854 u miet fis-17 ta' Ġunju 1923. Kien kittieb magħruf f'dawk iż-żminijiet. Hu serva ta' Kappillan bejn it-18 ta' Ġunju 1896 sakemm miet. Kittieb ta' diversi kotba. Biex nuru ftit eżempji, fis-sena 1900 Sisner kien ħareġ il-Ħajja ta' San Franġisk Saverju – Appostlu tal-Indja. Fl-1904 hu ppubblika ktieb 'Imxi l-Ġenna' li kien popolari ħafna f'pajjiżna. L-itwal poeżija li kiteb kien jisimha Lill-Ħanina Omm Alla (Consolatrix Afflictorum). (Carmel Bezzina 'Dun Amabile Sisner' *Ħal Balzan* Mejju-Ġunju 1973: pġ 2-3)

[12] Guido Borg B.A. – Ktieb tal-Festa 1988 Każin tal-Banda San Gabriel – Ħal Balzan. Il-Bidu tas-Soċjetà.

[13] Guido Borg B.A. jikteb fl-istess ktieb, 'Għaż-żgħażagħ tas-seklu 20 l-idea li tiġġieled għal drittijietek forsi kienet xi ħaġa ġdida. *Għalihom* kienu żminijiet ta' tama għal ġejjieni hieni.'



Esito dal 19 Aprile fino al 13 Nov. 1920.
(Del 1mo Rendiconto)
Kera mil 20 April sal 19 ta' Ottubru
mieħu min and il Rev. Parr. Amabile Sisner,
bil sitt xhur il quddiem, u mieħu al sena.
Flus ta' lewwel sitt xhur £ 2. 0. 0
Ghamara mixtria mil Imsida
min and is Sur Guis. Saliano 1. 3. 0.
Mejda tan-nofs tal Kamra, mixtria
min and Pietro Micallef dett Tal Forn,
min Salv. Gauci, u....... 1. 0. 0.
Il Casin hallas lil Salv. Gauci fil 19 Luglio [1 0 0]
Ghamara mixtria min Guis. Falzon
fil 25 t'April u 22 ta' Mejju:-
Fil 25 t'April (Ghamara) - 8. 0
Fil 22 ta' Mejju (Hwejjeg etc.) - 6. 9½
Ghamara u ecc: mixtria min
Guis. Muscat 2. 9. 0½
Il Casin hallas lil Guis. Muscat ... [£2. 9. 0½]
Spejjes ta' ... 1. 5. 0.
Spejjes tat-... 1. 6. 7
... - 8
Kera mil 20 ta' Ottubru 1920 sal 19 t'April 1921 2. 0. 0.

L-ewwel rendikonti li nsibu fl-Arkivju

Fl-ewwel irċevuta li għamel il-Kappillan Sisner nhar it-Tnejn 19 t'April 1920 insibu li sejjaħ lil dawk it-tliet żgħażagħ *'quali deputati, rappresentanti e soci del Circolo San Gabriele'*, xhieda li Giuseppe Muscat, Giuseppe Falzon u Salvatore Attard mhux biss kienu soċji iżda kienu qed jirrappreżentaw lil sħabhom li kienu tawhom l-awtorita' biex jieħdu dan il-pass. Dan kollu juri li l-Kappillan Sisner kien jaf x'inhu għaddej sew fir-raħal u dawn iż-żgħażagħ kienu jgħarrfuh b'kollox x'inhu għaddej.

B'xorti ħażina ma nsibu l-ebda minuti tal-ewwel laqgħa. Però fil-Ktieb *'Introito e Esito'* li kienu jżommu f'dawk iż-żminijiet, naraw li ċ-*Circolo San Gabriele* kien fetaħ b'għoxrin soċju li ħarġu porzjon ta' 2s 6d(12c5m) kull wieħed. Hawnhekk ta' min jinnota li l-kera tad-dar fejn infetaħ il-Każin kienet ta' £2 kull sitt xhur bil-quddiem. Fil-minuti tat-28 ta' Settembru 1920 jidhru r-regoli tal-kiri ta' kamra għall-futbol. Imbagħad insibu wkoll fatt importanti ieħor fir-rendikont tat-13 ta' Novembru 1920, jiġifieri



*Sir Gerald Strickland*



*Nerik Mizzi*

seba' xhur wara l-ftuħ tas-Soċjetà, li d-dħul ta' 5s (25c) għall-*Chera tal-Camra tal-Football*, prova li l-futbol kien diġa' jeżisti f'Ħal Balzan f'dik is-sena. Kera oħra simili għall-Futbol reġgħet issemmiet f'Seduta tal-Kumitat li saret fit-22 ta' Jannar 1922. Dan juri li dilettanti Balzanin tal-Futbol kienu jagħmlu użu mill-istess post taċ-*Circolo San Gabriele*.


C. S. Gabriele.
Seduta Generali: 15 Gennaio
fil 10.30 A.M.
Agenda
1mo Discussioni riguard ir-regolamenti generali
IIdo Domanda tas Sig. Emle. Buncat. riguard il camra tal foot-ball.
III Progett tal Cumitat riguard ritratt tessoci ta den ic circolu
N.B. Cull min ma icunx presenti icun contentu bdac li isir
President
C Buhagiar

**Dokument li tissemma l-camra tal-football.**
***(miktuba kif misjuba fid-dokument)***


Il Circolo San Gabriele.
28 Settembre 1920.
Fisseduta li saret illum bejn il Cumitat gie icconsiderat li il camra tigi mghotia b'chera ta 5s ghal erba xhur u icollu regolamenti mictuba u approvati mil cumitat u jech chemm il darba ma jigua osservati; l'incaricat jigi immultat, u anche ghal bzonn mitghout mil camra.
Regolament tal foot-ball.
1o A. Din il Camra ghandha tcun megmuna sewwa, scond dawn ir-regulamenti li hawn taht imsemmia:-
I Il Lghoba tal "foot Ball" illi ma icunux soci ta dina is-Societa mumiex illaudiati biex jidhlu fedan il basin, meta ma icunux sejrin jilghabu.
2. Il Lghoba mghandomx dritt li jirshu fein il-mueijed tal Lghob.
3. Illi mghandomx jidohlu tul lin-nies meta icunu heckm jilghabu.
4. Il Chiem hazin jew dexen, hua assolutament proibit min dan il basin.
5. Il camra il micria ghandha izzomm ruha mghaluka meta ma icunux sejrin isir lebda lghob.

***Dokument juri li kienu saru sett regoli ħalli d-dilletanti tal-futbol jikru kamra fis-Sede tac-Circolo San Gabriele***


Il Circolo San Gabriele. 13 NOV 1920
Esito dal 19 Aprile fino al 13 Nov. 1920.
(Del 1mo Rendiconto)
Chera mil 20 April sal 19 ta Ottubru
mieri min and il Rev. Parr. Amabile Sisnor,
bit sitt xhur il kuddiem, u mieri al sena.
Hlas ta kemel sitt xhur £ 2. 0. 0.
Chera mil 20 ta Ottubru 1920 sal 19 ta April 1921. 2. 0. 0.

***Kif tindunaw il-kera kienet titħallas minn qabel. Mela l-ewwel kera tħallset fl-20 t'April 1920 kif jidher f'ritratt qabel, filwaqt it-tieni kera tħallset fis-17 t'Ottubru 1920.***